# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 11 ta' Mejju, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**vs**

**Alexander Spiteri**

**(maghruf ukoll bhala Alexander Spiteri Cremona)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Alexander Spiteri (maghruf ukoll bhala Alexander Spiteri Cremona) detentur tal-karta tal-identita' Maltija 456557M akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fil-perjodu minn Mejju 2008 sa Gunju 2015 b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li

kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar min hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu tas-Socjeta' FTIAS Limited tal-Kalkara, u liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom jew minhabba depozitu necessarju;

2. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu tas-Socjeta' FTIAS Limited tal-Kalkara;

3. Ghamel qliegh iehor b' qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hames elef euro (€5,000) ghad-dannu tas-socjeta' FTIAS Limited tal-Kalkara;

4. Ikkommetta serq ta' somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tas-Socjeta' FTIAS Limited tal-Kalkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna;

5. Minghajr awtorizzazzjoni, immodifika data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg, liema rear sar minnu bhala impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu, u cioe' tas-Socjeta' FTIAS Limited tal-Kalkara;

6. Minghajr awtorizzazzjoni, installa, nehha, biddel, ghamel hsara, hassar, iddeterjora, razzan, qered, varja jew zied ma' xi data. Software jew dokumentazzjoni ta' appogg, liema reat sar minnu bhala impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu, u cioe' tas-Socjeta' FTIAS Limited tal-Kalkara.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 32A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' espert jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-11 ta' Mejju, 2016 ghall-ewwel (1) u l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti

wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kif ukoll il-fatt li hemm ftehim bejn il-partijiet dwar l-ammont dovut u l-modalitajiet ta' pagament kif ukoll il-fatt li l-imputat diga' hallas parti mill-ammont akbar li kien dovut. Il-Qorti kkunsidrat ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mill-Ufficjal Prosekutur fejn hija ddikjarat li in vista tal-ftehim milhuq bejn il-parti civili u l-imputat dwar il-modalitajiet ta' pagament hija ma kinitx qed tinsisti li jigu applikati l-provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 293, 294, 337C(1)(a), 337F(3)(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-

Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum. Stante li t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, u s-sitt (6) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-hames (5) imputazzjoni li taghhom l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil FTIAS Limited is-somma ta' mija disgha u tletin elf, hames mija sebgha u sebghin euwro u tlieta u erbghin ewro centezmi (€139,577.43c).

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**